MALTA

# QORTI ĊIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMĦALLEF**
**ABIGAIL LOFARO**

Seduta tat-8 ta' Awwissu, 2013

Rikors Numru. 284/2013

**A B**

**-vs-**

**C D**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors tar-rikorrenti li *in forza* tieghu, wara li ppremetta :

Illi l-partijiet izzewwgu fit-8 ta’ Gunju 1987 (ara Dok A anness) u minn dan iz-zwieg ma twieldux tfal;

Illi l-partijiet ilhom legalment separati b’kuntratt redatt minn Nutar Dottor Marco Farrugia mis-27 ta’ Lulju 2004; (Ara Dok B anness);

Illi m'hemm l-ebda prospett ragonevoli ghal rikonciljazzjoni bejniethom stante illi minbarra li ilhom separati mill-2004, illum ghandhom hajja totalment separata minn xulxin;

Illi m'hemm l-ebda manteniment dovut f'dan l-istadju stante li skond il-kuntratt Dok B ma hemm ebda manteniment dovut u dana skond klawsola 5 stante li l-partijiet irrinunzjaw reciprokament ghad-dritt li jesigu manteniment minn xulxin;

Illi dawn il-fatti hawn fuq imsemmija jissudisfaw il-kundizzjonijiet kollha mehtiega ghall-ksib tad-divorzju skond l-Artikolu 66B tal-Kodici Civili, Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

Talab li l-intimata tghid ghaliex din il-Qorti m'ghandhiex :

1. Tippronunzja l-hall taz-zwieg bejn il-partijiet.
2. Tordna lir-Registratur tal-Qorti sabiex, fi zmien imholli ghal daqshekk mill-istess Qorti javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bil-hall taz-zwieg tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku.

Rat ir-risposta guramentata tal-intimata, li in forza taghha eccepiet:

Illi huwa minnu :

(1) Li hi u r-rikorrenti ilhom separati legalment mis-sena 2004 permezz tal-kuntratt esebit Dok B;
(2) Li ma hemm ebda tama ta' rikonciljazzjoni bejnha u r-rikorrent u fil-fatt l-esponenti u l-intimat illum ghandhom rabtiet ma terzi;
(3) Li l-partijiet ma kellhomx tfal u fir-rigward tal-manteniment reciproku, huma rrinunzjaw ghal dan id-dritt bl-iktar mod assolut u rrevokabbli fil-kuntratt ta' separazzjoni fuq imsemmi;

Ghalhekk l-esponenti ma topponix it-talba tar-rikorrenti;

Rat id-dokumenti kollha li gew esebiti;

Rat id-digriet taghha tal-11 ta’ Gunju, 2013;

Rat l-affidavit bix-xhieda tar-rikorrenti;

Rat l-Artikolu 66 B tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta’ Malta;

Rat l-atti kollha;

Ikkunsidrat :

Illi il-Qorti rat illi ir-rikorrenti irnexxielu jissodisfa ir-rekwiziti kollha mehtiega mill-Ligi sabiex zwieg jigi mahlul u dana peress illi ipprova illi il-partijiet ilhom legalment separati mis-sena 2004 u precizament fis-27 ta’ Lulju 2004 u illi ma hemm l-ebda prospett ragonevoli ta’ rikonciljazzjoni bejn il-partijiet;

Illi il-Qorti rat ukoll illi minn dan iz-zwieg ma twieldux tfal u li ma hemm l-ebda manteniment dovut;

Ghaldaqstant, u ghar-ragunijiet fuq imsemmija, il-Qorti qeghda tilqa’ t-talbiet, tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet u tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fi zmien xahar millum, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku;

Il-Qorti tordna illi l-ispejjez jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------